# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 22 TA' MARZU, 2002

**Avviz Nru: 309/97 AJD**

**Aplan Limited**

**vs**

**George Diacono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Gunju, 1997, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sebghin lira Maltin (Lm73.00) rapprezentanti import ta' kambjala mahruga f'isem il-konvenut u li ghalqet fis-6 ta' Settembru, 1995.
Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ikkuntesta t-talba ghar-ragunijiet segwenti:

1. L-irritwalita' u n-nullita' stante li martu ma gietx imharrka wkoll kif mehtieg ai termini tal-Kodici Civili kif emendat bl-Att XXI tal-1993.

2. L-intempestivita' tat-talba stante illi qatt ma saret ebda interpellazzjoni ghall-hlas.

3. In-nullita' tal-procedura stante illi ladarba si tratta ta' kambjala, s-socjeta' attrici kellha tipproponi 'actio cambiarria' u ghalhekk l-inkompetenza wkoll 'rationae materiae' ta' dan it-tribunal.

4. L-eccezzjoni ta' 'lis alibi pendens' stante illi l-istess materja hija oggett ta' kawza fl-ismijiet 'George Diacono et vs Aplan Ltd.' (Avviz Numru 830/96 DM) u ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici hija irrita u nulla.

5. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

6. Salv ececzzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 1997, fejn il-partijiet permezz tad-difensuri taghhom qablu li l-mertu ta' din il-kawza seta' jintlaqat mill-ezitu ta' kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet inversi (Avviz Numru 830/96 DM). In vista ta' dan il-fatt u ai termini tal-Artikolu 7 (2) (b) tal-Att Numru V tal-1995, il-procedimenti gew sospizi sakemm ikun hemm ezitu tal-kawza citata.

Ra d-digriet tat-22 ta' Ottubru, 2001, fejn il-kawza regghet giet riappuntata ghas-smiegh u dan stante li l-kawza fl-ismijiet inversi hawn fuq imsemmija giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati fl-4 ta' Mejju, 2001, u kopja ta' din is-sentenza tinsab esibita a fol. 11 et seq tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Lino Apap u tal-konvenut.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-

1. Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu il-konvenut eccepixxa n-nullita' tal-Avviz stante li kellha tigi mharrka wkoll mart il-konvenut. L-Artikolu 1322 (1) tal-Kodici Civili jistabbilixxi li meta jkun hemm ezistenti komunjoni tal-akkwisti kull wiehed mill-konjugi ghandu 'ex lege' l-amminstrazzjoni ordinarja ta' dawk l-akkwisti u d-dritt li jharrek u jigi mharrek fir-rigward ta' din l-amministrazzjoni ordinarja. L-iffirmar tal-kambjala jista' jitqies bhala att ta' amminstrazzjoni ordinarja u ghalhekk ma kienx necessarju li tigi mharrka mart il-konvenut. L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qeghda ghalhekk tigi michuda.

2. It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut hija dik tal-intempestivita' tal-azzjoni stante li ma saret ebda interpellazzjoni qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna. It-Tribunal m'huwiex ser jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni in vista tad-decizjoni tieghu in kwantu jirrigwarda l-mertu.

3. Illi fit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut issolleva l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jiddeciedi u jiddetermina l-kaz stante li si tratta ta' azzjoni kambjarja. It-Tribunal jixtieq jaghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ottubru, 2000, fil-kawza fl-ismijiet 'Blye Engineering Company Limited vs Vincent Caruana', fejn jirrizulta li t-Tribunal ghandu gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi dwar azzjoni kambjarja. It-tielet eccezzjoni tal-konvenut qeghda ghalhekk ukoll tigi michuda.

4. It-Tribunal l-anqas m'huwa ser jiehu konjizzjoni tar-raba' ececzzjoni sollevata mill-konvenut u cioe' dik ta' 'lis alibi pendens, stante li l-kawza fl-ismijiet inversi li ghaliha qed issir riferenza f'din l-eccezzjoni giet in gudikat kif intqal aktar il-fuq u ghalhekk din l-eccezzjoni hija wkoll oramai sorvolata.

5. Illi l-hames eccezzjoni tal-konvenut hija li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. L-azzjoni attrici hija wahda kambjarja u fil-fatt l-istess socjeta' attrici fl-avviz titlob il-kundanna ghall-hlas tal-konvenut fis-somma ta' tlieta u sebghin lira Maltin (Lm73.00) rapprezentanti import ta' kambjala mahruga f'isem il-konvenut u li ghalqet fis-6 ta' Settembru, 1995.

6. Illi s-socjeta' attrici naqset milli tipproduci l-imsemmija kambjala jew kopja tal-istess u ghalhekk hija naqset milli tressaq l-ahjar prova jew ahjar l-unika prova li ghandha tressaq f'azzjoni ta' din in-natura.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**